MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Numru. 366/2003

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
OMISSIS
JOANNA BORG
ROBERTA BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati OMISSIS ta' OMISSIS, iben OMISSIS u OMISSIS nee OMISSIS imwieled OMISSIS u residenti OMISSIS u detentur ta' karta tal-identita numru OMISSIS;
Joanna Borg ta' 22 sena bint unknown father u Rita Clinch nee Borg imwielda Pieta fit-8 ta' Mejju 1980 u toqghod nru 114, Main Street, St Julians u detentur tal-karta tal-identita numru 264780M; u
Roberta Borg ta' 23 sena bint Carmelo Borg u Anna nee Mangion imwielda Pieta fit-12 ta' Frar 1980 u toqghod nru 18, Triq Santa Monica, Pieta detentur tal-karta tal-identita numru 108280M,

Talli f'dawn il-gzejjer fil-11 ta' Gunju 2001 u/jew fil-granet ta' wara, b'dibersi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:
Ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella illi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe ghamlu falsifikazzjoni ta' firem tas-Sur Marvin Tonna u/jew persuni ohra fuq ircevuti u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess skritturi jew Credit Card jew ircevuti u dan bi ksur tal-artikoli 183 u 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe Credit Card jew ircevuti, illi meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn Banek jew stabiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti imsemmija u dan bi ksur tal-artikoli 167 u 169 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iegor ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igeghlu titwemmen esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' madwar Lm438 blli ppresentaw credit card bi hsara ghas-Sinjura Anita Zammit u jew persuni ohra u dan bi ksur tal-artikolu 308, 309 u 310(1) (b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Gunju 2003 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba tad-difiza fil-konfront tal-imputat OMISSIS, ghad-divjett tal-pubbblikazzjoni ta’ isem l-imputat u l-post tax-xoghol tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat 183, 184, 167, 169, 308, 309, u 310(1)(b) tal-kap 9 u Art 7 u 9 tal-kap 446 u tqieghed lill-imputati taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sentejn.

Ghal dan il-ghan il-Qorti tinnomina lid-Direttur tal-probation Services sabiex jinnonima probation officer sabiex tkun tista tassisti lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------